MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 613/2008

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**Vs**

**Julian Micallef (ID Nru. 975748M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u tmenin centezmu (€787.86), tlett mija u tmienja u tletin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm338.23c), rapprezentanti s-somma sborsata mis-socjeta' attrici a favur tar-rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet 'Citadel Insurance plc noe vs Julian Micallef' (Avviz Nru. 1410/2005/JB) deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-10 ta' Ottubru, 2005, in linea ta' danni, imghax, spejjes legali, gudizzjarji u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-konvenut.

Din il-kawza kienet titratta incident awtomobilistiku li gara fis-7 ta' Lulju, 2003 fil-Gharghur meta l-vettura Nru. HAA 708, proprjeta' tal-konvenut, misjuqa minnu u assikurata mas-socjeta' attrici, habtet ma' vettura misjuqa minn terzi.

Gara izda li l-konvenut baqa' ma ghamilx *claim* wara dan l-incident skond il-polza ta' assikurazzjoni tieghu. Barra minn hekk, il-konvenut baqa' ma tax ix-xhieda tieghu jew ressaq provi ohra tant li sahansitra kienu presentati kapitoli kontrih u l-kawza giet deciza kontra tieghu u meta naqas li jidher fil-kawza biex iwiegeb ghall-kapitoli. *Cio' nonostante* is-socjeta' attrici ma setghetx ma thallasx lit-terz *una volta* kienu sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu, 2005, is-socjeta' attrici wissiet lill-konvenut bil-konsegwenzi kollha li kien se jgarrab fil-konfront taghha fil-kaz li l-kawza istitwita kontrih tigi deciza kontra tieghu *una volta* kienu sodisfatti fil-konfront tas-socjeta' attrici id-disposizzjonijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm il-konvenut kien interpellat sabiex ihallas is-somma ta' € 787.86 fuq riferita permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru, 2007 skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa kkontesta li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici kienet dovut minnu.

Inoltre, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu, 2005, l-ispejjes tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru, 2007 skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u imghax legali b'effett mis-26 ta' Ottubru, 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ seba’ mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u tmenin centezmu (€787.86), tlett mija u tmienja u tletin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm338.23), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------